MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Numru. 1542/2007

Il-Pulizija
(Sp Louise Calleja u Sp Alexander Grech)
vs
Mary Grace Eldessouki, bint Alfred Grech, imwieleda
Bormla fit-18 ta' Diċembru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli ġewwa Bormla u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fl-1 ta' April, 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. abbandunat jew ħalliet espost tifel tat-twelid u cioe' lil Haydon Grech, tifel ta' ftit siegħat;
b. meta sabet tarbija li kienet għadha kif twieldet, naqset milli tagħmel minnufih dak kollu li jinħtieġbiex issalvaha, u meta kellha tieħu ħsieb tagħha, fi żmien

erbgħa u għoxrin siegħa, ma tatiex jew ma għarrfitx biha lill-Pulizija Esekuttiva;
c. ħalfet il-falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 108(1)(a), 246 u 248 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tlett snin mill-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-interdizzjoni ġenerali għal żmien ħames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------